



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 15.1.2013  
COM(2013) 2 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-  
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Evalwazzjonijiet tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni:**

# **RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

## **Evalwazzjonijiet tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni:**

### **1. INTRODUZZJONI**

Dan ir-rapport jenfasizza r-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjonijiet tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni 2007-2013 (CIP) u s-subprogrammi tiegħu, ifassal t-tweġiba tal-Kummissjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjonijiet u jstipula miżuri ta' segwitu.

B'hekk il-Kummissjoni tikkonforma mar-rekwiżit tal-Artikolu 8(5) tad-Deċiżjoni li jstabilixxi s-CIP<sup>1</sup> biex tikkomunika evalwazzjonijiet interim u finali tal-Programm Kwadru u tal-programmi speċifiċi tiegħu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

### **2. SFOND**

#### **2.1. Il-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni**

Il-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni<sup>2</sup> huwa programm ewlieni fl-indirizzar tal-isfidi li qiegħda tiffaċċja l-industrija tal-UE. L-oġġettivi tiegħu huma konformi mal-inizjattivi ewlenin tal-Istrateġija Ewropa 2020, fejn tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv huwa prijorità ewlenija għall-intervent tal-UE biex tissaħħaħ l-ekonomija tal-UE.

Is-CIP għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-kompetittività u l-kapaċità innovattiva tal-Komunità bħala soċjetà avvanzata ta' għarfien, bi żvilupp sostenibbli msejjes fuq tkabbir ekonomiku robust u ekonomija tas-suq soċjali kompetittiva ħafna b'livell għoli ta' ħarsien u titjib tal-kwalità tal-ambjent.

Dan il-Programm Kwadru jappoġġa l-attivitajiet ta' innovazzjoni (inkluża l-eko-innovazzjoni), jipprovdi aċċess aħjar għall-finanzi u jwassal servizzi ta' appoġġ lin-negozji fir-reġjuni; huwa jinkoraġġixxi implimentazzjoni u użu aħjar tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), jgħin fl-iżvilupp tas-soċjetà tal-informazzjoni u jippromwovi wkoll aktar użu ta' enerġija li jiġġeddu u l-effiċjenza tal-enerġija.

- Is-CIP huwa maqsum fi tliet programmi operattivi. Kull wieħed minnhom għandu l-oġġettivi speċifiċi tiegħu, immirati li jikkontribwixxu għall-kompetittività tal-intrapriżi u l-kapaċità innovattiva tagħhom fl-oqsma tagħhom stess, bħall-ICT jew l-

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sa 2013) (ĠU L 310/15, 09.11.2006)

<sup>2</sup> Ara <http://ec.europa.eu/cip/>

enerġija sostenibbli; Il-Programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni (EIP)<sup>3</sup>; Il-Programm ta' Appoġġ għall-Politika tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT-PSP)<sup>4</sup>; Il-Programm Enerġija Intelliġenti - Ewropa (IEE)<sup>5</sup>.

## 2.2. L-evalwazzjonijiet tas-CIP u s-subprogrammi tiegħu

Id-Deċiżjoni li tistabbilixxi s-CIP tinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-evalwazzjoni tal-Programm Kwadru u l-programmi operattivi tiegħu. B'mod partikolari, dan jiddikjara li l-Programm Kwadru u l-programmi speċifiċi tiegħu għandhom ikunu soġġetti għal evalwazzjonijiet interim u finali biex ikejlu l-impatt tal-Programm Kwadru, u ta' kull wieħed mill-programmi speċifiċi, skont l-oġġettivi tagħhom, inklużi l-kompetittività, l-innovazzjoni, l-intraprenditorija, it-ktabbir fil-produttività, l-impjiegi u l-ambjent. Id-Deċiżjoni tistipula wkoll li l-evalwazzjoni interim tal-Programm Kwadru kellha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2009 u l-evalwazzjoni finali sal-31 ta' Diċembru 2011, u li l-evalwazzjonijiet interim u finali tal-programmi speċifiċi għandhom ikunu magħmula b'mod li r-risultati tagħhom ikunu jistgħu jitqiesu fl-evalwazzjoni interim u dik finali tal-Programm Kwadru.

L-evalwazzjonijiet interim u finali kienu mmirati lejn:

- il-kejl tal-impatt tal-Programm Kwadru u l-programmi speċifiċi tiegħu skont l-oġġettivi tagħhom;
- il-valutazzjoni ta' safejn il-Programm Kwadru u l-programmi speċifiċi tiegħu kkontribwew għall-oġġettivi stabbiliti fil-bidu ta' din it-taqsim;
- l-evalwazzjoni ta' safejn l-oġġettivi tal-Programm Kwadru u l-programmi speċifiċi tiegħu huma rilevanti għall-ħtiġijiet, il-problemi u l-kwistjonijiet li hu kien imfassal biex jindirizza;
- l-evalwazzjoni tal-effikaċja tal-Programm Kwadru u l-programmi speċifiċi tiegħu u l-identifikazzjoni tal-aspetti l-aktar effiċjenti u dawk l-aktar ineffiċjenti tiegħu.

L-evalwazzjoni interim tal-Programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni twettqet minn GHK Consulting Ltd u Technopolis u r-rapport finali ġie ippreżentat fit-30 ta' April 2009.

L-evalwazzjoni interim tas-CIP ICT-PSP twettqet minn bord ta' ħames esperti<sup>6</sup> u r-rapport finali tiegħu ġie ppreżentat f'Mejju 2009.

L-evalwazzjoni interim tal-Programm Enerġija Intelliġenti – Ewropa II twettqet minn Deloitte Consulting u r-rapport finali tiegħu ġie ppreżentat fis-27 ta' April 2009.

L-evalwazzjoni interim tal-Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni saret minn GHK Consulting Ltd u Technopolis u r-rapport finali ġie ippreżentat fid-9 ta' Marzu 2010.

---

<sup>3</sup> [http://ec.europa.eu/cip/eip/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/cip/eip/index_en.htm)

<sup>4</sup> [http://ec.europa.eu/cip/ict-psp/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/cip/ict-psp/index_en.htm)

<sup>5</sup> [http://ec.europa.eu/cip/iee/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/cip/iee/index_en.htm)

<sup>6</sup> Prof Gerard Pogorel (il-President), Professur tal-Ekonomija u l-Maniġment, Ecole Nationale Supérieure des Télécommunications, (ENST-Telecom ParisTech), Franza. Dana Berova, Gartner, ir-Repubblika Ċeka. Prof Slavo Radosevic, Professur tal-Istudji dwar l-Industrija u l-Innovazzjoni, University College Londra. Eppie Eloranta, Direttur tat-TIEKEEieke, iċ-Ċentru Finlandiż għall-Iżvilupp tas-Soċjetà tal-Informazzjoni Jeremy Harrison (Relatur), Direttur ta' abdi Ltd, imsieħba tar-Renju Unit tal-Istitut ROI.

L-evalwazzjoni finali tal-Programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni twettqet miċ-Ċentru għas-Servizzi tal-Istrateġija u tal-Evalwazzjoni (CSES) b'rapport finali f'April 2011.

L-evalwazzjoni finali tal-Programm Enerġija Intelliġenti – Ewropa II saret minn Deloitte u r-rapport finali ġie ppubblikat fit-8 ta' Ġunju 2011.

Is-CIP ICT PSP finali (it-tieni) evalwazzjoni (interim) tlestiet fl-20 ta' Lulju 2011 minn bord ta' esperti<sup>7</sup>.

L-evalwazzjoni finali tal-Programm ta' Qafas CIP, filwaqt li tqiesu r-riżultati tal-istudji ta' evalwazzjoni preċedenti, ġie ffinalizzat f'Diċembru 2011 miċ-Ċentru għas-Servizzi tal-Istrateġija u tal-Evalwazzjoni (CSES).

Ir-rapporti kollha ta' evalwazzjoni huma disponibbli fuq il-web<sup>8</sup>.

### 3. IS-SEJBIET EWLENIN TAL-EVALWAZZJONIJIET

B'mod ġenerali, l-evalwazzjonijiet ikkonfermaw ir-rilevanza, l-effettività u l-effiċjenza tal-Programm Kwadru u ta' kull wieħed mit-tliet programmi speċifiċi tiegħu.

#### 3.1. L-evalwazzjoni interim tas-CIP

L-evalwazzjoni interim tas-CIP<sup>9</sup> sabet li *"l-baġit limitat meħmuż mas-CIP ifisser li mhuwiex programm orjentat lejn in-nefqa bħall-Fondi għal Politika ta' Koeżjoni jew is-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku (FP7), iżda wieħed li jfittex li jikseb l-oġġettivi ambizzjużi u definiti b'mod wiesa' tiegħu billi jstimula l-ideat, il-prodotti u l-isħubijiet tiegħi f'politiki u programmi oħra."*

Ir-rapport jgħid li kien preżenti **appoġġ wiesa'** fost il-partijiet interni kif ukoll dawk esterni għal intervent f'livell tal-Komunità fl-oqsma tal-innovazzjoni u l-kompetittività fil-forma ta' programm ewlieni bħalma hu s-CIP, u ssuġġerixxa li s-CIP kellu bżonn jiffoka fuq oqsma li juru l-akbar **valur miżjud u impatt Ewropew**.

Ġie vvalutat li l-partijiet interessati kellhom it-tendenza li jidentifikaw partijiet tal-programm u mhux is-CIP fit-totalità tiegħu: l-evalwaturi kkunsidraw li s-CIP ma jinfthimx tajjeb bħala Programm Kwadru minħabba wkoll l-fatt li kien programm kwadru ġdid, b'baġit limitat u li jappoġġa firxa wiesgħa ta' strumenti mmirati lejn udjenzi differenti. Huma kkunsidraw madankollu li **l-mekkaniżmi ta' informazzjoni diġà fis-seħħ**, li huma NCPs u n-Netwerk tal-Intrapriżi Ewropej, kienu strumenti importanti għat-titjib tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni tas-CIP.

L-evalwazzjoni sabet li kienu heġġin ħafna effiċjenzi ppjanati fl-evidenza assoċjata mal-immaniġġjar u l-implimentazzjoni tas-CIP. B'mod partikolari **l-istrumenti finanzjarji tas-CIP** ġew ikkunsidrati bħala strumenti effiċjenti ħafna "bi tfassil" biex jgħinu lill-SMEs. Madankollu intermedjarji finanzjarji, ilmentaw dwar ir-rekwiżiti eċċessivi ta' rappurtaġġ li jżidu l-ispejjeż ta' parteċipazzjoni u ssuġġerew li jitnaqqas il-piż amministrattiv.

<sup>7</sup> Graham Vickery, Terttu Luukkonen, Slavo Radosevic, Robbert Fisher (Relatur).

<sup>8</sup> [http://ec.europa.eu/cip/documents/implementation-reports/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/cip/documents/implementation-reports/index_en.htm)

<sup>9</sup> [http://ec.europa.eu/cip/files/docs/interim\\_evaluation\\_report\\_march2010\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/cip/files/docs/interim_evaluation_report_march2010_en.pdf)

Ir-rapport sab ukoll li s-sinerġiji operattivi ttejbu permezz tal-involviment tal-**Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (EACI)** u **n-Netwerk tal-Intrapriżi Ewropej**. B'mod partikolari skont l-EIP ġie enfasizzat l-irwol li jkun hemm Netwerk wieħed li jiffaċċja l-SMEs madwar l-Ewropa. Ir-rwol tal-EACI kien ikkunsidrat suċċess fiż-żieda tal-effiċjenzi tar-riżorsi permezz tas-separazzjoni ta' funzjonijiet amministrattivi mit-tfassil tal-politika.

### **3.2. L-evalwazzjoni finali tal-Programm għall-Intraprenditorjat u l-Innovazzjoni (EIP)**

L-evalwazzjoni tal-EIP<sup>10</sup> wasslet għal ħames konklużjonijiet ewlenin: l-ewwel, li l-programm **kellu prestazzjoni tajba** u kien miexi fit-triq it-tajba biex jilħaq l-impatti mistennija; it-tieni, li f'haġna każijiet, il-Programm kien **qed jieħu spinta**, peress li kien qed jibni fuq kisbiet eżistenti; barra minn hekk, l-evidenza tal-istħarriġ uriet l-"utilità" tal-Programm, billi kkonfermat li hu **jissodisfa direttament il-bżonnijiet tal-SME**; barra minn hekk, l-evalwaturi sabu li l-intervisti u l-evidenza oħra juru li hemm **valur miżjud Ewropew ċar**. U finalment li **s-sistema ta' monitoraġġ** li ġiet żviluppata hija kontribut siewi għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-Programm fuq bażi kontinwa, imma din is-sistema kienet għadha qiegħda tiġi żviluppata f'ċerti oqsma u d-dejta dwar l-indikaturi kellha bżonn tiġi ppreżentata b'mod aktar konsistenti.

L-għanijiet tal-EIP nstabu rilevanti haġna għall-bżonnijiet tan-negozji. Barra minn hekk, instab li "*l-programm **effettivament qegħdin jibbenefikaw minnu l-utenti aħħara, b'mod partikolari l-SMEs (intrapriżi żgħar u medji)***". L-akbar saħħa tal-EIP hija li jikkonċentra fuq kwistjonijiet ewlenin għall-SMEs b'mod dirett u prattiku. L-azzjonijiet tal-EIP, notevolment l-istrumenti finanzjarji u l-ekoinnovazzjoni, ħolqu effettivament kundizzjonijiet għal replikazzjoni reali fis-suq.

Fir-rigward ta' dak li jikkonċerna **l-Istrument Finanzjarju**, instab li jiksbu l-oġġettivi tagħhom li jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament għall-bidu u t-tkabbir tal-SMEs. Fid-dettall, il-faċilità GIF u l-perjodi tas-self SMEG u l-mikrokreditu nstabu rilevanti għall-bżonnijiet tal-SMEs Ewropej peress li jissodisfaw domanda għall-finanzjament li kieku ma kinitx tiġi sodisfatta u jikkontribwixxu għall-bidu u t-tkabbir tal-SMEs. Wieħed mill-aktar effetti notevoli li jinsabu fir-rapport għal dak li jikkonċerna l-istrumenti huwa l-effett ta' lieva.

F'dak li jikkonċerna **n-Netwerk tal-Intrapriżi Ewropej**, l-evalwaturi sabu li n-Netwerk kien iffukat sew fuq l-oġġettivi ewlenin għall-promozzjoni tal-innovazzjoni, il-kooperazzjoni fin-negozji u l-kummerċ transkonfinali, u żiedu jgħidu li hemm livell għoli ta' sodisfazzjon fost il-klijenti bis-servizzi tan-Netwerk. B'mod partikolari huma indikaw li "*n-Netwerk huwa **ass ta' politika kbir** għar-relazzjoni tal-UE mal-intrapriżi u għandu potenzjal konsiderevoli ulterjuri f'termini tal-involviment tal-SMEs mal-oġġettivi u l-azzjonijiet tal-EIP*".

L-approċċ użat għal attivitajiet relatati mal-**ekoinnovazzjoni** tal-EIP instab li huwa koerenti fil-Programm f'termini tal-inklużjoni tal-elementi adegwati u rilevanti fl-indirizzar tan-nuqqasijiet eżistenti tas-suq li jirrestrinġu s-settur, immirat kemm lejn in-naħa tad-domanda kif ukoll lejn dik tal-provvista tas-suq, kif ukoll isaħħaħ l-ambjent operattiv. *L-evalwaturi sabu wkoll li l-iskema x'aktarx kellha rata ta' sottokrizzjoni eċċessiva b'mod sinifikanti.*

---

<sup>10</sup> [http://ec.europa.eu/cip/files/docs/final-evaluation-of-eip\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/cip/files/docs/final-evaluation-of-eip_en.pdf)

### 3.3. Evalwazzjoni finali tal-Programm Enerġija Intelliġenti - Ewropa II (IEE)

L-evalwazzjoni tal-IEE<sup>11</sup> sabet li l-azzjonijiet tiegħu qegħdin jilhqqu l-oġġettivi strateġiċi u speċifiċi tagħhom u qegħdin jikkontribwixxu għall-impatt ġenerali u l-eżitu tal-programm.

Il-programm IEE nstab li hu *“rilevanti u utli peress li jirreaġixxi għall-bżonnijiet li jevolvu, il-problemi u l-ostakoli relatati ma’ kwistjonijiet ta’ enerġija sostenibbli li qed tiffaċċja l-Ewropa. Il-kombinazzjoni tal-azzjonijiet li tkopri firxa wiesgħa ta’ prijoritajiet, l-involviment ta’ tipi differenti ta’ atturi li jistgħu jinfluwenzaw b’mod ċar l-adozzjoni ta’ soluzzjonijiet ta’ enerġija sostenibbli u b’mod partikolari l-kombinazzjoni ta’ proġetti orjentati lejn soluzzjoni tas-suq u proġetti mmirati lejn l-adattament tal-politika kif ukoll l-influwenza tal-azzjonijiet tal-IEE II f’mument differenti ta’-ċiklu tas-suq jikkontribwixxu għall-effikaċja tal-programm”*.

Għad hemm ostakli mhux teknoloġiċi li jrażżnu l-adozzjoni tat-teknoloġiji bl-enerġija sostenibbli. Il-IEE II jikkontribwixxi biex inaqqashom billi jappoġġa attivitajiet fl-oqsma tal-appoġġ tal-politika, iż-żieda tal-kapaċità, it-tixrid u l-promozzjoni u proġetti ta’ replikazzjoni tas-suq.

Ġie miġbur rispons pożittiv mill-evalwaturi rigward **l-effikaċja** tal-azzjonijiet appoġġati kemm biex jilhqqu l-għanijiet tagħhom kif ukoll fil-kontribuzzjoni għall-oġġettivi tal-programm. Barra minn hekk, l-attivitajiet appoġġati jitqiesu bħala l-aktar adegwati biex jilhqqu l-oġġettivi stabbiliti.

Dwar l-effiċjenza tal-programm, l-evalwaturi ssuġġerew li jkun hemm aktar mezzi stabbiliti biex jiffaċilitaw aħjar il-kisba tal-oġġettivi prijoritarji tal-programm, speċjalment minħabba ż-żmien limitat li fadal biex dawn jintlaħqu qabel l-2020 u d-dewmien imġarrab vis-a-vis ċerti oġġettivi għall-iżvilupp tal-enerġija sostenibbli.

Ġie muri li l-programm kien kapaċi **juża sinerġiji ma’ programmi oħra ta’ finanzjament tal-UE**, bħalma huma l-FP7 u l-fondi strutturali.

### 3.4. L-evalwazzjoni finali tal-Programm ta’ Appoġġ għall-Politika dwar it-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) (ICT PSP)

L-evalwazzjoni finali tal-ICT PSP<sup>12</sup> enfasizzat l-uniċità tal-programm u r-rwol innovattiv tiegħu peress li l-proġetti tiegħu jfasslu **pjattaformi ġodda għal servizzi innovattivi transkonfinali f’oqsma ta’ interess pubbliku, b’mod partikolari f’oqsma fejn għad hemm riskji sistemiċi u organizzattivi**.

**Xi attributi tal-programm huma identifikati bħala pożittivi ħafna:** *“strument uniku u ta’ innovazzjoni pijuniera, relatat b’mod dirett mal-politika, portafoll kumplementari ta’ strumenti, parteċipazzjoni wiesgħa tal-partijiet interessati”*. Aktar żieda fil-partiċipazzjoni tal-partijiet interessati hija fost ir-rakkomandazzjonijiet mogħtija mill-panel ta’ esperti, flimkien mat-tegħlib tal-ostakli għall-partiċipazzjoni tal-SMEs. Huwa rakkomandat ukoll li jitjiebu l-flussi tal-infommazzjoni u r-rabtiet ma’ programmi oħra tal-UE bħal dawk relatati ma’ politiki reġjonali.

<sup>11</sup> [http://ec.europa.eu/cip/files/docs/2011\\_iee2\\_programme\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/cip/files/docs/2011_iee2_programme_en.pdf)

<sup>12</sup> [http://ec.europa.eu/cip/files/cip/docs/cip\\_ict\\_psp\\_interim\\_evaluation\\_report\\_2011\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/cip/files/cip/docs/cip_ict_psp_interim_evaluation_report_2011_en.pdf)

Il-panel issuġġerixxa t-tkomplija tal-ICT PSP bħala strument politiku li jintroduċi l-innovazzjoni u li l-fokus tal-ICT PSP fuq l-introduzzjoni tal-innovazzjonijiet tal-ICT u l-indirizzar ta' riskji sistemiċi u organizzattivi għandhom jinżammu f'kwalunkwe segwitu.

Huma rakkomandaw li l-approċċ immexxi mill-politika ta' minn fuq għal isfel fi proġetti fuq skala kbira (Pilota A) għandhu jtkompla, peress li huwa mudell prattiku ta' kif jista' jkun hemm aktar użu mifrux ta' servizzi innovattivi ġodda fil-livell tal-UE. Huma vvalutaw ukoll li l-proġetti mmexxija mid-domanda minn isfel għal fuq (Pilota B) jistgħu jipprovdu servizzi transkonfinali ġodda u innovattivi f'oqsma ġodda relatati mas-servizz tal-gvern (Kontenut elettroniku, Saħħa elettronika u t-tixjiħ, Gvern elettroniku u l-Enerġija elettronika/it-Trasport elettroniku), u jipromwovu l-interoperabbiltà u l-iżvilupp ta' swieq usa' għal servizzi pubbliċi innovattivi.

### 3.5. L-evalwazzjoni finali tas-CIP

Ir-rapport ta' evalwazzjoni finali<sup>13</sup> tas-CIP ikkonferma s-suċċess tiegħu.

Ir-rapport jgħid li *"[L]-evidenza mill-Evalwazzjonijiet Finali u sorsi oħra, tikkonferma li l-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni fit-totalità tiegħu, u l-programmi indiviwalni speċifiċi tiegħu kollha għandhom prestazzjoni tajba, b'konformità mal-istennijiet li kien hemm meta tnieda l-programm"*<sup>14</sup>.

Barra minn hekk huwa vvalutat li *"Is-CIP fit-totalità tiegħu sar mezz importanti għall-promozzjoni tal-innovazzjoni, partikolarment kif ikkonċeput bħala proċess relattivament ġdid li jmur lil hinn minn sempliċi fokus fuq l-iżvilupp teknoloġiku, li kkaratterizza kunċetti preċedenti, lejn il-perspettiva aktar ibbilanċjata li tinkludi l-istess żviluppi fis-settur tas-servizz daqs dawk fis-settur tal-manifattura u tirrelata mal-proċessi u l-mudelli tan-negozju daqs kemm tirrelata mal-prodotti. Dan min-naħa tiegħu huwa kontribut importanti għall-kompetittività tal-ekonomija Ewropea"*.

Id-definizzjoni tal-oġġettivi tas-CIP hija kkunsidrata **koerenti u rilevanti** għall-bżonnijiet, il-problemi u l-kwistjonijiet li hu beħsiebu jindirizza, u nkisbet konċentrazzjoni f'oqsma fejn **azzjoni tal-UE tista' tagħmel differenza**. L-evalwazzjoni vvalutat b'mod pożittiv il-flessibbiltà tas-CIP u kkunsidrat li **l-appoġġ għall-aċċess taħt is-CIP huwa eħfef** milli fi programmi komparabbli oħra.

Instab li l-korp ta' ħidma fuq l-appoġġ għall-innovazzjoni maħluq mill-Programm CIP issa jirrappreżenta korpus sostanzjali ta' għarfien li potenzjalment **jinforma oqsma oħra tal-politika**.

L-evalwazzjoni enfasizzat it-titjib li jirriżulta mid-delega tal-immaniġġjar ta' partijiet sostanzjali tas-CIP lill-EACI li jikkonċernaw l-effiċjenza tal-immaniġġjar tal-programm, kemm f'dak li jirrigwarda l-ispejjeż għall-Kummissjoni kif ukoll f'dak li jirrigwarda l-effiċjenza tas-servizzi pprovduti, kif imkejjeż f'termini ta' għadd ta' kuntratti ffirmati, il-perjodu tal-kuntratt u d-dewmien fil-ħlas.

<sup>13</sup> [http://ec.europa.eu/cip/files/cip/cip\\_final\\_evaluation\\_final\\_report\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/cip/files/cip/cip_final_evaluation_final_report_en.pdf)

<sup>14</sup> CSES, Rapport Eżekuttiv - Evalwazzjoni finali tal-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni, Diċembru 2011, paġna 8 disponibbli fuq [http://ec.europa.eu/cip/files/cip/executive\\_summary\\_cip\\_final\\_report\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/cip/files/cip/executive_summary_cip_final_report_en.pdf)

**Il-kriżi ekonomika attwali** enfasizzat l-importanza tal-oġġettivi ċentrali tas-CIP u r-rilevanza ta' ħafna mill-kwistjonijiet li s-CIP kien maħsub li jindirizza, u dan jagħmilha aktar urġenti li nkomplu nibnu fuq ideat li kienu suċċess u li wrew effikaċja, bħall-istrumenti finanzjarji.

#### 4. IR-RAKKOMANDAZZJONIJIET EWLENIN U L-AZZJONIJIET TA' SEGWITU PPJANATI

L-evalwazzjonijiet għamlu xi rakkomandazzjonijiet dwar kif tista' tkompli titjeb l-implimentazzjoni tas-CIP u jitfassal programm suċċessur possibbli, li tqiesu matul l-implimentazzjoni tal-programm u meta ġew ippreparati l-proposti tal-Kummissjoni għal programmi suċċessuri għas-CIP (**COSME**<sup>15</sup> u partijiet mill-**Orizzont 2020**<sup>16</sup>)

Ir-rapport dwar l-evalwazzjoni finali tas-CIP iddikjara li jistgħu jinħolqu aktar sinerġiji bejn it-tliet subprogrammi billi jiġu artikolati pożizzjonijiet ġodda dwar temi ċentrali tal-programm kwadru, pereżempju dwar il-politiki ta' innovazzjoni.

In-nuqqas ġenerali ta' viżibbiltà tas-CIP ġie identifikat bħala wieħed min-nuqqasijiet ewlenin tiegħu. Madankollu, ġie enfasizzat ukoll li marki magħrufa sewwa bħan-Netwerk tal-Intrapriżi Ewropej, Enerġija Intelliġenti Ewropa, u l-Ġimgħa tal-SMEs m'għandhomx jingħataw ismijiet ġodda.. Barra minn hekk, ġie rakkomandat **it-tixrid aħjar tat-tagħrif dwar attivitajiet appoġġati mill-Programm li kellhom suċċess**. Il-Kummissjoni b'mod attiv tuża n-Netwerk tal-Intrapriżi Ewropej, li huwa ffinanzjat mis-CIP, biex tqassam informazzjoni dwar il-politiki tal-UE u s-servizzi disponibbli taħt il-programmi kollha bħall-FP7 jew il-Fondi Strutturali. Ittieħdu għadd ta' azzjonijiet biex jintlaħaq l-akbar numru ta' parteċipanti potenzjali. Fil-qasam tar-Replikazzjoni tas-Suq tal-Ekoinnovazzjoni, in-Netwerk tal-Intrapriżi Ewropej ta' sikwit jaġixxi bħala punt ta' kuntatt reġjonali jew nazzjonali, li jagħti informazzjoni fuq it-telefon, jorganizza avvenimenti ddedikati għat-tlaqqiġ jew laqgħat settorjali fi gruppi. Il-benefiċjarji ta' għotjiet huma wkoll irreferuti lill-Helpdesk tal-IPR maħluq mis-CIP biex jgħinhom bi kwistjonijiet dwar proprjetà intellettuali li jirriżultaw mill-parteciċipazzjoni tiegħu fi programmi oħra tal-UE bħall-FP7. Fil-qasam tal-innovazzjoni, l-azzjonijiet kienu promossi u se jkomplu jiġu promossi minn TAKE IT UP (Europe INNOVA) u l-Forum dwar is-Sħubijiet INNO (PRO INNO Europe ®). Il-kompiti ta' involiment tal-proġetti lil hinn mill-parteciċipanti diretti tagħhom huma mtejba permezz tas-siti web li fihom organizzazzjonijiet oħra jistgħu jikkontribwixxu b'mod attiv u fejn hemm integrati karatteristiċi ta' netwerking soċjali. L-isforzi fil-komunikazzjoni se jintensifikaw fir-rigward ta' programmi suċċessuri.

Barra minn hekk, ġie rakkomandat li jiġi mfassal sett stabbli ta' **indikaturi tal-produzzjoni, ir-riżultati u l-impatt** biex jgħin fil-monitoraġġ tal-effikaċja tal-programm u l-kisba tal-oġġettivi tiegħu. Il-proposti tal-Kummissjoni Ewropea għal programmi suċċessuri tas-CIP (**COSME**<sup>17</sup> u partijiet minn **Orizzont 2020**<sup>18</sup>) qegħdin jindirizzaw il-parti l-kbira ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, partikolarment permezz tat-tishiġ tal-loġika tal-intervent tal-programmi (eż. Orizzont 2020 jipprevedi konnessjoni uniformi bejn ir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li jqis l-isfidi ewlenin tas-soċjetà, bħalma huma l-enerġija u r-riżorsi naturali, kif ukoll it-

---

<sup>15</sup> COM (2011)834 finali

<sup>16</sup> COM(2011)808 finali, COM(2011)809 finali, COM(2011)810 finali, COM(2011)811 finali, COM(2011)812 finali

<sup>17</sup> COM (2011)834 finali

<sup>18</sup> COM(2011)808 finali, COM(2011)809 finali, COM(2011)810 finali, COM(2011)811 finali, COM(2011)812 finali



teknoloġiji kruċjali, bħall-ICT), billi jorbtuh ma' prijoritajiet strateġiċi tal-UE, u jintroduċu fit-test legali objettivi ġenerali u speċifiċi marbuta mal-indikaturi tar-riżultat u tal-impatt.

Fir-rigward tar-Rakkomandazzjoni dwar "*politika attiva għall-promozzjoni ta' sinerġiji fuq livell operattiv permezz ta' approċċ sistematiku għat-titjib tal-immaniġġjar tar-rabtiet bejn l-oqsma differenti tal-Programm*", il-Kummissjoni tuża b'mod attiv in-Netwerk tal-Intrapriżi Ewropej biex tqassam l-informazzjoni. Ittieħdu għadd ta' azzjonijiet biex jintlaħaq l-akbar numru ta' parteċipanti potenzjali. Fil-qasam tal-ekoinnovazzjoni, in-Netwerk tal-Intrapriżi Ewropej ta' sikwit jaġixxi bħala punt ta' kuntatt reġjonali jew nazzjonali, li jagħti informazzjoni fuq it-telefon, jorganizza avvenimenti ddedikati għat-tlaqqiġ jew laqgħat fi gruppi. Il-benefiċjarji ta' għotjiet huma wkoll irreferuti lilkl-Helpdesk tal-IPR biex jgħinhom bi kwistjonijiet dwar proprjetà intellettuali. Fir-rigward tal-innovazzjoni, saru seminars ma' membri tan-Netwerk dwar l-akkwist pubbliku għall-innovazzjoni biex ikun hemm tixrid tal-lezzjonijiet miksuba permezz tal-azzjonijiet rilevanti. Eżempju ieħor huma r-rabtiet maħluqa bejn in-Netwerk tal-Intrapriżi Ewropej u l-IMP3rove<sup>19</sup> meta l-imsieħba tan-Netwerk tal-Intrapriżi Ewropej jorganizzaw taħriġ dwar l-immaniġġjar tal-innovazzjoni.

L-evalwazzjoni finali tal-EIP irrakkomandat li "*aktar żviluppi fil-Programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni jeħtieġu li jieħdu ħsieb jibnu fuq il-kisbiet attwali sabiex iżidu l-ispinta li diġà nħolqot ffirxa ta' attivitajiet imwettqa u biex jiġu evitati, fejn possibbli, ir-riskji ta' interruzzjoni inerenti fi kwalunkwe tluq ġdid*". Fil-programm tal-ħidma annwali tal-EIP għall-2013, il-Kummissjoni se tippromovi fil-biċċa l-kbira **kontinwazzjoni ta' azzjonijiet li kellhom suċċess** mis-snin preċedenti jew azzjonijiet oħra bbażati fuq esperjenzi tal-passat, filwaqt li fl-istess ħin tassigura konsistenza ma' prijoritajiet politiċi u żviluppi ekonomiċi.

Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni dwar reviżjoni kontinwa tal-limitu li fih **il-valur miżjud Ewropew** huwa evidenti fl-**Istrumenti Finanzjarji**, il-Kummissjoni kkunsidratha fil-preparazzjoni tal-ġenerazzjoni li jmiss tal-istrumenti finanzjarji. Il-valur miżjud Ewropew se jkun element ewlieni tal-pjattaformi l-ġodda dwar id-dejn u l-ekwità, li fuq il-prinċipji tagħhom se jiġu bbażati l-istrumenti finanzjarji tal-futur kollha fl-MFF għall-2014-2020. B'mod partikolari, il-każ għall-istrumenti finanzjarji jiddependi fuq il-benefiċċji assoċjati mat-tisħiħ tas-Suq Uniku billi tingħeleb il-frammentazzjoni tas-suq fl-investment ta' kapital tar-riskju, self b'riskju għoli kopert mir-riżorsi tal-UE u t-tisħiħ tal-kreditu. L-iskop prinċipali tal-istrumenti finanzjarji taħt il-programm COSME kif propost mill-Kummissjoni se jkun li jtejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs f'segmenti tas-suq li mhumiex koperti mill-miżuri tal-Istati Membri, li huma ristretti għal investimenti u appoġġ minn kull pajjiż. Il-fowkus se jkun fuq il-finanzjament tal-espansjoni ta' intrapriżi orjentati lejn it-tkabbir li qegħdin jimmiraw lejn espansjoni internazzjonali u li jiżviluppaw suq ta' finanzjament għall-SME transkonfinali. Huwa biss programm fil-livell tal-UE li jista' jissodisfa dan l-irwol. B'mod simili, fil-proposta tal-Kummissjoni dwar Orizzont 2020, il-faċilità tal-Ekwità għar-Riċerka u l-Innovazzjoni se tikkomplimenta l-iskemi nazzjonali li ma jistgħux jagħmlu tajjeb għal investimenti transkonfinali fir-Riċerka u l-Innovazzjoni. In-negozjati fi stadju bikri se jkollhom ukoll effetti ta' dimostrazzjoni li jista' jkun ta' benefiċċju għall-investituri pubbliċi u dawk privati madwar l-Ewropa. Il-faċilità tad-Dejn se tgħin biex tirrimedja n-nuqqasijiet tas-suq li jipprevjenu lis-settur privat milli jinvesti fir-Riċerka u l-Innovazzjoni f'livell ottimu. L-

<sup>19</sup> Permezz tal-IMP3rove, intrapriżi żgħar u medji (SMEs) għandhom l-opportunità siewja li jkejlu l-prestazzjoni tal-Immaniġġjar tal-Innovazzjoni tagħhom ma' kumpaniji oħra mill-istess settur tal-industrija, pajjiż, daqs u età. It-tkejjil joffri bażi soda għal appoġġ effettiv minn fornitur tal-appoġġ tal-Immaniġġjar tal-Innovazzjoni.

implimentazzjoni tiegħu se tippermetti l-ġbir flimkien ta' massa kritika ta' riżorsi mill-baġit tal-Unjoni u, fuq bażi ta' qsim tar-riskju, mill-istituzzjoni(jiet) finanzjarja/i inkarigata/i bl-implimentazzjoni tiegħu. Dan se jstimula lill-impriżi biex jinvestu aktar flus minn tagħhom stess fir-Riċerka u l-Innovazzjoni milli kieku kienu jagħmlu mingħajru. Barra minn hekk, il-faċilità tad-Dejn se tgħin lill-organizzazzjonijiet, kemm pubbliċi kif ukoll privati, biex inaqqsu r-riskji involuti fl-akkwist pubbliku prekummerċjali jew l-akkwist ta' prodotti u servizzi innovattivi.

Fir-rigward tal-**ekoinnovazzjoni**, l-evalwazzjoni ssuġġeriet li "minħabba d-daqs żgħir tal-iskema tal-ekoinnovazzjoni, l-impatti eventwali x'aktarx ikunu ristretti b'mod korrispondenti, minkejja riżultati promettenti antiċipati u l-fatt li x'aktarx se jkollu rata ta' sottoskrizzjoni eċċessiva b'mod sinifikanti. L-implikazzjonijiet għal finanzjament fil-futur għandhom jiġu kkunsidrati." Il-Kummissjoni pproponiet fil-ġenerazzjoni li jmiss ta' programmi li tinkludi l-ekoinnovazzjoni bħala waħda mill-prijoritajiet fil-Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Innovazzjoni – Orizzont 2020 u li tespandi l-intervent tal-UE kemm f'termini ta' baġit kif ukoll fil-firxa ta' strumenti.

Il-Kummissjoni qiegħda tikseb tagħlimiet mill-evalwazzjonijiet li waslu biex ittejjeb kontinwament l-implimentazzjoni tagħha tal-Programm Kwadru attwali tagħha u l-programmi speċifiċi tiegħu. L-evalwazzjonijiet servew ukoll bħala punti ta' gwida importanti fil-preparazzjoni tal-ġenerazzjoni l-ġdida tal-Programmi (COSME u Orizzont 2020). Il-Kummissjoni għalhekk tistieden lill-Kunsill u lill-Parlament biex jagħmlu użu sħiħ minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet meta jemendaw il-proposti tal-Kummissjoni fid-dawl tal-adozzjoni finali tal-programmi.